# PARTIT STRATEGIJA GHALL-IZVILUPP TAL BINI

Mozzjoni




Il-Parlament Nazzjonali taż-Żgħażagħ

2018

Lista ta’ Kontenut


- Aħna x’ nemmnu?
- Proposti fuq l-ippjanar ta bini ġdid
- Proposti fuq r-restawr u Mannutenzjoni Ta’ Bini Antik
- Proposti fuq l-Energija
- Proposti fuq it-Trasport

# Aħna x'nemmnu?

Kollha kemm aħna nistgħu naqblu li l-izvilupp sostenibbli huwa essenzjali għas-suċċess tal-pajjiż. Filwaqt li l-iżvilupp ħafna drabi narawh bħala xi haga negattiva, minħabba il-fatt li; ibiddel l-ambjent ta' madwarna, joħloq aktar traffiku u jirriżulta fi ħsara għan-natura u ekosistemi, huwa kruċjali għall-ekonomija tagħna sabiex tkun tista' tkompli tikber u tissaħħaħ. Kemm żvilupp residenzjali kif ukoll dak kummercjali iwassal ghal tishih ekonomiku. Madanakollu huwa essenzjali li jintlaħaq bilanċ bejn żvilupp u li jinżamm il-karattru tal-ambjent ta' madwarna haj u b'saħħtu. Hemm ħames punti prinċipali li għandna nqisu qabel ma jitfassal żvilupp : il-qagħda tal-bini residenzjali, il-qagħda tal-bini kummerċjali, il-qagħda tal-bini antik, l-effett fuq l-enerġija tal-pajjiż u l-effett li dan ihalli fuq l-infrastruttura u trasport.

F'din ir-reżoluzzjoni qegħdin nżommu f'moħħna il-fatt li hemm bżonn jinżamm bilanċ bejn l-ammont ta' iżvilupp li jsir u li rridu nippreżervaw l-ammont limitat ta' ambjent naturali f'din il-gżira tant żgħira. Qabel ma jintgħazel sit għall-bini, wieħed għandu janalizza sew l-infrastruttura tal-post sabiex ikun ċert li l-infrastruttura tiflaħ għas-servizzi neċessarji. Dan jaf jirriżulta fi bżonn li jsiru xi tibdiliet fl-infrastruttura bħal tibdil ta' sistemi qodma ta' fejn jgħaddi l-ilma u d-dranaġġ, installazzjoni ta' bankini ġodda u żieda fil-parkeġġ publiku. Għandha ssir riċerka dwar kif ha tiżviluppa sabiex isir l-inqas impatt possibli fuq is-setturi tal-enerġija u l-ambjent tal-pajjiż. Meta naslu għal żvilupp kummerċjali wieħed għandu jikkunsidra li n-nies li jkunu ħa jaħdmu f'dawn il-postijiet jistgħu jkunu barranin u dan iwassal għal aktar żvilupp ta' postijiet residenzjali sabiex ikollhom fejn jgħixu. Għaldaqstant dan iġib titjib fl-ekonomija iżda dejjem għandu jkun hemm bilanċ. Fattur ieħor li rridu noqgħodu attenti għalih huwa l-fatt li qed tintuża ħafna art verġni iżda qed inħallu ħafna bini antik abbandunat mingħajr skop. Dan qed iħalli impatt negattiv immens fuq l-ambjent naturali għaliex qed tinqered ħafna art, riżors li m'għandnix wisq minnu ġewwa pajjiżna.

Ir-reżoluzzjoni tagħna tinkludi xi proposti flimkien ma' soluzzjonijiet effettivi. Bħala partit nemmnu li biex il-proposti ikunu effettivi mhux għall-lum biss iżda saħansitra għall-futur hemm bżonn li nżommu f'rasna l-punti li semmejna qabel. B'dan il-mod il-gvern ikun jista' jsiba eħfef biex jaċċetta u jwettaq dawn il-proposti ħalli flimkien inkomplu miexjin 'il quddiem.

# IPPJANAR TA BINI ĠDID:

Għan Ġenerali: L-iżjed bini importanti f'kwalunkwe pajjiż bla dubju huwa bini residenzjali u Malta mhix eċċezzjoni. Għalhekk aħna ħriġna b' diversi proposti bil-Għanli l-bini residenzjali jiġi pjanat aħjar u b'aktar sostenibilta'.

**1. Il-Pannelli Fotovoltajiċi fil-bini residenzjali**

Aħna nemmnu li l-Gvern irid ikollu d-dover li jgħin lis-sidien tad-djar jibdew il-proċess ta' installazzjoni ta' pannelli fotovoltajiċi fi djarhom. Din l-iskema hija diġa' eżistenti imma ser tagħlaq f' Diċembru ta' din is-sena. Idealment tkun volontarja, fejn wara kampanja informattiva bħal tqassim ta' fuljetti, tigi mġedda. Dan is-sussidju għandu jkun proporzjonat skont:
1) Id-dħul totali tal-individwu in kwistjoni
2) Il-kobor tal-bejt. Jista' jieħu diversi forom eż – Tnaqqis fl-income tax u/jew ħlas parzjali lura għal kull min jixtri panelli solari.

**2. Social Housing**

Il-kriżi fit-tqassim tal-'housing' f'pajjiżna, hija attwali hafna. L-urġenza ta' din il-problema rajniha ftit tal-ġimgħat ilu meta nstabu 120 persuna jgħixu ġewwa razzett fejn kienu qed jigu maltrattati. Aħna nemmnu li l-Gvern għandu jieħu r-responsabbilta' li jsib djar għal dawn in-nies, b'kull mezz possibbli filwaqt li jiġu rispettati l-liġijiet u regoli intizi biex jipproteġu l-ambjent. Sabiex il-pajjiż ikollu "social housing stock" sostenibbli il-gvern għandu jixtri u jinvesti f' art zdingata u abbandunata fil-qalba tal-lokalitajiet jiġifieri żoni urbani, sabiex ma ntappnux art verġni u jibni postijiet li joffru kenn lil dawk kollha li m`għandhomx saqaf fuq rashom. Tajjeb ngħidu li hemm skema simili li ser tiskadi 6 xhur ohra, fi Frar 2019. Nħeggu sabiex tiġi estiża.

**3. Roof/vertical Gardens**

Sussidji għal 'Roof Gardens' u /jew 'Vertical Gardens' fuq il-bjut u hitan tad-djar u tal-appartamenti u bini kummercjali. Dawn għandhom impatt pożittiv u siewi fuq l-ambjent minħabba li ħa jgħinu fit-tnaqqis b'mod dirett kif ukoll indirett tad-dijossidu tal-karbonju ($CO_2$) mill-arja u jonqos il-bżonn tal-użu tal-arja kkundizzjonata minhabba tnaqqis fit-temperatura interna tal-binja. Il-pjanti jħallu wkoll impatt pożittiv fl-aspett estetiku u jghinu fis-saħħa mentali tal-bniedem, kif ukoll tiżdied il-biodiversita' f'żoni urbani. L-ilma li bih jissaqqew il-pjanti, idealment jingabar minn fuq il-bejt tal-binja. Is-sussidju jkopri l-installazzjoni ta` protezzjoni apposta mal-binja sabiex ma tigix kkawzata hsara strutturali fil-binja. Id f'id ma' din il-proposta tigi implimentata sistema ta' infurzar fejn jigi ffirmat kuntratt li jorbot lir-residenti jew propjetarji bil-menteniment tal-gnien, u inspezzjonijiet ta' kull stagun sabiex jigi assigurat l-ahjar livell possibli ta` menteniment ta' dan il-gnien.

**4. Bjar u Gibjuni f’Bini Residenzjali**
Riżors skarz f’Malta huwa l-ilma. Hemm diversi metodi ta’ kif l-ilma tax-xita jista’ jiġi kkonservat fosthom bl-użu ta’ bjar u ġibjuni. B’hekk fi proġetti residenzjali, sabiex dawn ikunu aktar sostenibbli, hemm bżonn ta’ bjar. F’każ ta’ proġetti ikbar bħal blokkok t’appartamenti, ‘high rise buildings’, stabillimenti, skejjel u ħafna oħrajn, l-bini ta’ ġibjun jgħin biex dan l-iżvilupp ikun iżjed sostennibli. Barra minn hekk għandu jkun hemm iżjed inċentivi biex jiġu restawrati bjar u ġibjuni eżistenti. Dan l-ilma miġbur jista’ jiġi użat għal affarijiet diversi fosthom tisqija, tindif u ħafna oħrajn. Attwalment diga’ hemm ligi (Kapitlu 552, Artiklu tal-Izvilupp Regulazzjonijiet tas-Sanita’ 2016) li timponi l-kostruzzjoni ta’ bjar u gibjuni, izda qed isiru hafna abbuzi fejn il-perit fil-pjanta jippreżenta l-pjan ta’ bir izda sabiex jigu evitati l-ispejjez, filfatt ikun parti minn struttura ta’ lift.

# RESTAWR U MANNUTENZJONI TA’ BINI ANTIK:

Għan Generali: Jidher car hafna, li hawn numru kbir ta’ bini addandunat u propjeta vakanti go Malta u dis-sitwazzjoni ma tistax tkompli sejra kif inhi. F’dan id-dokument ha jigi diskuss proposti ta’dan il-grupp li ghandhom l-għan li jippreservaw l-wirt u valur storiku ta’dan il-bini, li jkun hemm iktar skemi biex isseh ir-restawr ta’ dan il-bini waqt li tigi protetta is-sigurta tal-publiku u l-bini fl- inhawi.

**5. Esebizzjonijiet tal-wirt storiku**
F’postijiet irrestawrati tal-gvern jew privati ta’ certu wirt storiku jittellaw iktar ezebizzjonijiet (jistghu jkunu ta scali differenti - ezebiti zghar fejn il-bini jkun uzat b’mod privat u jkun hemm sezzjoni pubbblika fejn dak li jkun ihallas biex jidhol sa muzew). Dan jista’ jsehh bis-sahha tal-gvern (Heritage Malta, Soverintendenza tal-Patrimonju Kulturali) u NGOs (Din l-Art Helwa). Dan ix-xoghol ma jridx jigi meqjus bhala nefqa imma investment ghas-socjeta u ghall-ekonomija. Dan ghaliex dan ix-xoghol jipprovdi aktar akkomodazzjoni u jkompli jissahhah is-settur turistiku minhabba li jkun hawn aktar attrazzjoniniet turistici b’valur storiku u li joffru esperjenza unika u edukattiva.

Jekk il-bini ma jistax ikun irrestawrat minhabba l-istat perikuluz tieghu jew ghax hemm wisq tiswijiet, jkun imwaqqa u jinbena kif kien qabel (mudell)

Minbarra inqas bini antik fi stat hazin/abbandunat, ikun hawn aktar opportunitajiet ta’ edukazzjoni ghall-pubbliku peress li dak li jkun jitghallem fuq u japprezza iktar il-wirt storiku ta’ Malta.

**6. Kuxjenza Pubblika**
Minbarra kuxjenza tal-mod korrett ta’ kif bini antik jiġi rrestawrat, fil-każ ta’ twaqqigħ ta’ bini antik fil-qalba tal-irħula u l-villaġġi kif inhuma dawk ta’ Ħal-Lija, iż-Żurrieq u l- Belt Valletta, il-bini ġdid li jittella minflok, kemm jekk huma djar, appartamenti, cafetteriji, jew ħwienet kummerċjali, għandu xorta iżomm mal-istil tradizzjonali Malti sabiex tibqa’ preżenti l-kultura Maltija fil-bini modern kif ukoll il-bini kollu flimkien ikun attrajenti għall-għajnejn.

# ENERGIJA:

GħanGenerali: Huwa fl-interess taghna li naraw li l binjiet f pajjizna huma sostenibbli u efficjenti fl uzu tal energija. L energija hija rizors bhall kull haga ohra li jehtieg li ma jinheliex. Ghalhekk, ahna qed nipproponu dawn il proposti sabiex il bini taghna jsir “self sustainable”.

**7.Kreazzjoni ta Certifikat Ufficcjali ta’ “Energy Efficiency”**

It tnaqqis ta' uzu tal-energija fil bini hija haga li tghin l-ambjent, specjalment fkazijiet ta binjiet ta kumpaniji differenti. Permezz tat-tnaqqis ta konsum tal-energija u risorsi, kumpanija privati jistaw kemm jnaqqasu l-ammont ta flus li jhallsu u bhekk itella profitt, kif ukoll tuza il fatt li qeda tuza prodotti 'eco-friendly' sabiex tatratta iktar konsumaturi.

Dan ic certifikat jista jigi mahrug min REWS (Regulator for Energy and Water Services), u tinghata

**8. Krediti Tat-Taxxi**

Il-krediti tat-taxxa huma inċentivi li jistghu jkunu mmirati sabiex jikkonvinċu kemm lin-nies u kumpaniji sabiex jonfqu l-flus fuq programmi li l-gvern jemmen li huma tajbin. Permezz ta sistema ta 'premijiet' (rewards) il gvern jkun jista juza sabiex jincentivizza kumpaniji biex juzaw iktar prodotti eco-friendly. Din tista issir bzewg modi differenti;

1) Tigi introdotta systema ta 'tax credits' (reward system) ghal kumpaniji li jipproducu jew jimpurtaw prodotti li jintuzaw sabiex jaghmlu id-djar iktar 'energy efficient'.
2) Il VAT jitnaqqas min 18% ghal 5% fuq xiri ta' building management systems jew fuq servizz ta' konsulenza minn esperti li jwassal ghal installazzjoni ta' building management system.
3) Jigu introdotti skemi godda ta rohs biex jinstallaw sistema ta' energy management fid-djar jew fil-businesses.

**9. Tigi ikkreata systema ta "eco subsidies" fil-kont tad-dawl**

Min-naħa tal-provvista, is-sussidji tal-gvern li huma relatati ma lenergija jgħinu l- industrija billi jippermettu lill-produtturi jipproduċu aktar prodotti u servizzi 'eco-friendly'. Min-naħa tal-konsumatur, is-sussidji tal-gvern jistgħu jgħinu lill-konsumaturi potenzjali bil-prezz ta dawn l-oġġett jew servizzi, ġeneralment permezz ta' krediti tat-taxxa. Sabiex dan jsir u sabiex dawn il proposti jkomplu jsahhu lil xulxin ahna nissugerixxu li jsir dan.

**10. Bini ta Parkegg b’ “Solar Canopys”**

Huwa fatt magħruf li numru ta' parkeġġi hawn Malta qegħdin fi spazji miftuħa u jservu biss il-bżonn bażiku ta 'parkeġġ għalkemm nistgħu nieħdu ħafna iżjed minn din l-art.
F'dawn l-ispazji għandhom jiġu eletti strutturi li jżommu pannelli solari biex filwaqt li jkunu qed jiġġeneraw l-elettriku, joffru ukoll kenn mill-qilla tax-xemx. Eżempju ta' dan hemm il-park and ride tal-Furjana, it-Tokk ir-Rabat Għawdex, Pembroke u Ta' Qali.

Nifhmu li inizjattiva bħal din tinvolvi investiment kapitali, għaldaqstant nissuġġerixxi li jinħargu bonds iddedikati għal din l-inizjattiva pagabbli lura wara 25 sena; dan iż-żmien huwa kkalkulat ibbażat fuq l-effiċjenza massima tal-pannelli solari.

Din l-inizjattiva tmur id f'id mal-miri tal-gvern biex jilħaq perċentwali ta' produzzjoni ta' enerġija sostenibbli.

B'hekk il-poplu jkun qed jingħata l-opportunita' li jipparteċipa f' solar farms speċjalment għal dawk in-nies li m'għandhomx aċċess għall-bejt.
L-installazzjoni ta' dawn il-pannelli solari huwa pass ieħor biex fil-futur, meta aktar karozzi elettriċi jiżdiedu il-grid tal-elettriku tkun tiflaħ għad-domanda tal-elettriku u dawk il-karozzi ipparkjati jiġu ċċarġjati bl-elettriku prodott minn dawn il-pannelli

# TRASPORT:

Għan Ġenerali: Is-settur tat-trasport huwa wieħed mill-ftit li jolqot lil kull persuna minna. Aħna ż-żagħżagħ mhux biss inħabbtu wiċċna ma' diversi problem ta' dan l-aspett fil-preżent, iżda rridu naffaċċjaw il-konsegwenzi tad-deċiżjonijiet li jittieħdu illum. Għaldaqstant, qegħdin nippreżentaw dawn il-proposti intiżi sabiex itaffu din il-problema u joffru soluzzjonijiet għall-pjaga tat-traffiku li ta' kuljum tistgħagna lill-pajjiżna.

**11. Pjan Nazzjonali ghal Parkegg**
Problema kontinwa f'pajjiżna hi n-nuqqas ta parkeġġ. Skont ċifri ppublikati mill-NSO, sa' Awwissu 2018, daħlu madwar 380,000 karozza f'Malta, b' 80000 żdiedu f' dal-aħħar 10 snin. Din iż-żieda enormi qed tpoġġi strapazz fuq l-infrastruttura. Sabiex tittaffa din il-problema, aħna nipproponu li kunsilli lokali ta' lokalitajiet ta' kobor konsiderevoli jingħataw fondi biex jibnu parkeġġi taħt l-art.

**12. Rotot Cirkulari Tallinja f Zoni Urbani**
Minbarra żieda ta' 'Circular Routes', l-eta' ta' meta wieħed jista' jakkwista l-liċenzja tas-sewqan għandha titgħolla minn tmintax-il sena għal wieħed u għoxrin sena. Għandhom jiġu maħluqa rotot minn kull lokalita' direttament għall-universita' b'mill- inqas żewġ waqfiet fil-lokalita'. Dan sabiex l-istudenti universitarji jistgħu jaslu u jitilqu mill-Universita' b'mod aktar effiċjenti u 'eco-friendly', kif ukoll ikun hemm inqas karozzi fit-toroq Maltin, inqas tniġġis kif ukoll iktar spazji għall-parkeġġ fil-lokalitajiet madwar l-universita.' Ninkoraġixxu wkoll l-użu tal-'carpooling' bejn l-istudenti.

**13. Tnaqqis ta' taxxi bhala incentive ghall-uzu tat-trasport pubbliku**
Fil-preżent, jingħataw diversi inċentivi sabiex jonqsu il-karozzi fit-toroq, speċifikament karozzi li jużaw petrol jew diesel. Dan qed jitwettaq b'sussidji għal karozza li taħdem bl-elettriku. Sabiex inkomplu nnaqqsu l-karozzi fit-toroq u ninċentivaw l-użu tat-trasport pubbliku, nipproponu li tiddaħħal skema fejn wieħed jitnaqqaslu r-rati ta' taxxa meta jilħaq ċertu ammont ta' uzu ta' trasport pubbliku.

**14. Estenzjoni fis servizz ta' lanca tal-inhawi tal-Port il-Kbir ul-Port ta' Marsamxett.**
Jeżistu diversi servizzi ta' ferries madwar Malta, iżda nixtiequ naraw estensjoni ta' dan is-servizz fl-inħawi ta' madwar il-Port il-Kbir u Marsamxett. Għalhekk, qegħdin nipproponu sistema ta' ferries ħodda għal dawn l-inħawi. Iz-zewġ portijiet jkollhom bejniethom erba' laneċ; tnejn għal kull port. F'kull port, dejjem jkun hemm vapur fi triqtu lejn il-Belt, u ieħor ġej lura mill-Belt Valletta. Nipproponu wkoll li d-dgħajjes jkollhom 3 destinazzjonijiet f' kull port, u dejjem

jalternaw bejn waħda u oħra. Id-destinazzjonijiet li qed nipproponu huma l Marsa, Birgu u Smart City għal Port il Kbir, u l-Msida, tas-Sliema u Spinola għal Marsamxett. Preferebilment, dan is-servizz ikun b'xejn għal kulħadd, pero' għandha tingħata preferenza lil min jabita jew jaħdem f'dawk l-inħawi. Inizjattiva bħal din toffri wkoll il-possibilta' li t-turisti jgawdu l-aspett marittimu ta' pajjiżna minn aktar viċin.

**15. Incentivi ta Taxxa lil Kumpaniji li Jipprovdu Trasport Alternattiv**

Mezz ta' kif jista' jkomplu jitnaqqsu l-problemi ta' traffiku f' Malta huwa billi ninvestu fi transport alternattiv. Is-suċċess f'din l-aħħar sena ta' kumpaniji bħal "Nextbike Malta" hija xhieda ta' kif jista' jghin is-settur privat f' dan il-qasam. Aħna nipproponu li l-Gvern joffri tnaqqis fit-taxxi lil kumpaniji li jorganizzaw jew joffru dawn it tipi ta' trasport alternattiv. B' hekk, jiżdied il-pluraliżmu fis-settur tat-trasport, tiżdied l-effiċjenza tas-servizz, u l-pubbliku jingħata servizz orħos u iżjed aċċessibbli.

**16. Servizz ta Monorail F'Malta**

Biex inkomplu ninkoraġġixxu lin-nies biex jsibu mezzi ġodda ta' trasport, aħna nemmnu li wasal iz-żmien li tinbena Monorail taħt l-art f'Malta. Is-sistema trid tgħaddi mill-aktar lokalijtajiet urbani tal-pajjiż, bħal San Pawl il-Bahar, Mosta, Birkirkara,Qormi, Raħal Ġdid, Msida, Gżira, Sliema u San Ġiljan. Sistema bhal din implementata tajjeb tista ttejjeb is-sitwazzjoni fuq l art b'mod drammatiku, u taqta' darba ghal dejjem il-problema tat-traffiku f' Malta.

# Membri:

| | |
|---|---|
| Martina Grech -Koordinatrici | Gianni Farrugia - Vici Koordinatur |
| Jean Paul Barbara | Leon Bartolo |
| Kurt Borg | Jacob Callus |
| Michaela Pia Camilleri | Nicholas Camilleri |
| Matthew Cassar | Nikos Chircop |
| Thomas De Martino | Elisa Dimech |
| Elisa Farrugia Pace | Kristina Filletti |
| Maegan Grech | Owen Lewis |
| Veronika Mercieca | Kyle Pace |
| Andrea Pavia | Marie Therese Pavia |
| Darlene Schembri | Gianluca Vella |
| Julianne Vella | |